Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 226 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Francis Pace

Illum 14 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Pace detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 422553 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar t' Ottubni w Novembru 2016, fil-Gzejjer Maltin:

1) Diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew rnaghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;
2) Naqas li jaghti lil Josephine Pace, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu fi zmien hmistax-il jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-26 t' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill imsemmi imputat hat ital-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w qieghda tikkundannah ghal xahar detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgoba tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krimmnali per Magistrat Dr. Anthony J Vella LL.D tas-26 ta' April 2017 billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f' kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-appellant hass ruhu ferm aggravat minn din is-sentenza u ghaldaqstant umilment u bir-rispett qieghed jinterponi appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

a. Illi l-esponenti mhux f' posizzjoni li jhallas tali retta alimentarja stante li huwa pensjonant u l-ammont ta' manteniment jecedi b' hafna l-ammont ta' pensjoni, kawza li ssepara fil-21 ta' Mejju 1997 u l-imsemmi kuntratt kien

jistipola li l-manteniment jizdied bir-rata ta' hamsa fil-mija fis-sena, li wara ghoxrin sena l-ammont gie esorbitanti u l-esponent qatt ma jista jhallas tali ammont.

b. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria:[1]

*".. che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...,"*

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Ikkunsidrat,

Illi l-ammont dovut ghall-manteniment mertu ta' dan il-kaz thallas mill-appellant illum seduta stante u l-parte civile iddikjarat illi tinsab sodisfatta b'dan il-hlas. Illi ghalhekk ghalkemm xorta wahda tirrizulta r-reità billi l-hlas sar tardivament, madanakollu hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar detenzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi sitt xhur m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.